# Il-Presepju

Ħarġa Nru. 100
April - Ġunju 2019



Fuljett maħruġ mill-
GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU - MALTA
c/o 56, Amaltea, Triq il-Marg, Attard ATD 2382 - Malta

Newspaper Post

Fuljett
maħrug kull tliet xhur mill-
Għaqda Ħbieb tal-Presepju
Malta.

VO/0844

*Kull korrispondenza għandha tiġi ndirizzata lis-Segretarju,*
*Charles A. Bellia*
*56, Amaltea, Triq il-Marġ,*
*Attard ATD2382. Malta*

*IL-PRESEPJU*
*Jitqassam lill-Membri tal-Għaqda u għalhekk biex tirċevih ħallas il-miżata tiegħek regolarment billi tibgħat €5 lill-Kaxxier. Kontribuzzjonijiet oħra biex jinfdew l-ispejjeż ikunu ferm apprezzati.*

*L-GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU Malta tirringrazzja lil kull min kiteb f'din il-ħarġa tal-fuljett.*


Apprezzament speċjali jmur għas-
Sinjura Jessie Chircop
li ħadet ħsieb il-'proof reading'.


# Werrej


Editorjal ........................................................................3
Il-Kelma tal-President ........................................................................4
Il-Kunsill Amministrattiv 2019/2020 ........................................................................5
Ejja nagħmlu Presepju... ........................................................................6
KORS - Il-Presepju fis-Sajf ........................................................................7
Applikazzjoni għall-Kors 2019 ........................................................................8
Il-Bini tal-Presepju ........................................................................9
Il-Milied fl-Arti Maltija ........................................................................11
Maria, Ġużeppi... Guliermu ........................................................................13
Il-Presepju mormi ........................................................................14





**Stampat**
BONNICI'S PRESS Est.1924
36, St. Paul Street, Valletta
Tel: 21224607 - 21228138
E-mail: emibonnici@gmail.com

# L-Editorjal

Ħarġa wara ħarġa tal-fuljett il-Presepju ta' l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju-Malta waslna biex noħorġu l-mitt wieħed. Iva sa issa bit-tlugħ u bl-inżul kollu li l-Għaqda għaddiet minnu, wasalna biex noħorġu l-mitt ħarġa.

Ma kinitix ħaġa faċli li tasal għal dan it-trakward u tikteb dejjem fuq suġġett wieħed dak tal-Milied. Bit-tagħrif u artikli li ġbarna ma tul is-snin għandna kollezzjoni sabiħa ta' informazzjoni u kullana ta' artikli li xi kultant ftit konna nafu bl-informazzjoni li nkitbu fihom. Għal grazzja ta' Alla l-fuljett dejjem zamm l-appuntament tiegħu mal-membri tal-Għaqda.

L-artikli li dejjem dehru fil-fuljett kienu miktuba b'għan wieħed li jinforma u jħeġġeġ lill-membri biex jiftakru fl-akbar ġrajja li qatt rat u ppartiċipat fiha d-dinja; dik tat-twelid tal-Bambin. Din il-ġrajja hija kbira fiha nfisha għax Alla sar bniedem biex jgħammar fostna u biex jifdina. Ħafna mill-artikli li nkietbu, kien fihom tagħrif fuq ħafna suġġetti u tradizzjonijiet minn Malta u pajjiżi barranin. Kien imżewaq ukoll b'poeżiji, novelli, kitbiet spititwal...insomma laqta' għal gosti ta' kulħadd.

L-editorjali kienu miktuba bi skop wieħed li kemm jista' jkun, il-qarrej jifhem li ġrajja ta' Betlem hija minsuġa fuq il-Paċi. Il-Vanġelu ta' San Luqa beda bil-deskrizzjoni tal-avvenimenti li kienet għaddejja minnhna Betlem. Tana deskrizzjoni ta' min kien jikmanda, l-ewwel ċensiment, l-iffular ta' Betlem, ir-rifjut għal kenn lil-koppja Ġużeppi u Marija, it-tħabbira tal-anġlu lir-rgħajja fejn laqgħahom bit-tislima ta' Paċi magħkom imbagħad ordnalhom fejn iridu jmorru...f'għar fejn issibu tarbija mfisqija f'maxtura. Iva dejjem rajt li dak li nkiteb jiqa' nkwadrat man-nativita. Dejjem bi skop wieħed... li nxerre il-qawwa tal- presepju mal-erbat irjieħat tad-dinja.

Fuq kollox nixtieq...fl-okkazzjoni tal-mitt ħaġa tal-fuljett il-Presepju... nitlob skuża jekk b'xi mod xi kultant kont naqra goff fil-kitba tiegħi. Żgur mhux biex nizzika iżda għax xi kultant ta' bniedem dgħajjef li jien nħoss għal dak kollu li jkun ġara lill-Għaqda tagħna li tant hija għal qalbi.

***Frans Chircop***

# *Il-Kelma tal-President*



Wara snin twal nieqes mill-kumitat tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju-Malta, fejn kont saħansitra segretarju, erġajt sibt ruħi fuq ġewwa. Mhux biss, il-membri tal-kumitat għoġobhom jaħtruni President. Minn qalbi nirringrazzja lil President ta' qabli Andrew Spiteri li mexxa l-għaqda f'diffikultajiet partikolari b'imħabba u żelu.

Filwaqt li nirringrazzja lil sħabi tal-fiduċja li urew fija, ikolli nistqarr li din il-kariga ġiet bla ħsieb. Imma din il-kariga se nħalliha tgħinni biex inkun nista' nagħti kontribut akbar fil-qasam li ħabbejt minn dejjem b'qalbi kollha, il-Presepju.

Din l-għaqda rajtha titwieled, u tmidd l-ewwel passi. Ħdimt qatigħ fi ħdanha u ngħid li kienet strumentali biex irxuxtat l-imħabba u l-istima lejn il-presepju b'mod dinjituż f'pajjiżna. Għalija kienet skola fejn tgħallimt ħafna affarijiet dwar il-presepju. Mhux biss bdejt naħdem presepji kbar u żgħar, imma sirt inħobb ir-riċerka dwar l-istorja tal-presepju, suġġett li jagħtini sodisfazzjon u ferħ. Kienu biss ċirkostanzi fil-ħajja tiegħi li ma ħallewnix daqshekk attiv matul is-snin, imma sehmi fejn stajt dejjem tajtu.

Bħal kollox, ma nistgħux nieqfu, għax dak li nbena malajr jista' jinħatt. Nibża li fi żmien meta dak kollu li għandu x'jaqsam mal-messaġġ nisrani qed jgħaddi minn mumenti ta' qtigħ ta' qalb, is-sogru li l-presepju jgħaddi minn żmien ta' prova hu wieħed rejalistiku ħafna. Għalhekk irridu inkunu aħna, membri ta' din l-għaqda, flimkien ma dawk kollha li jaħdmu fil-qasam tal-presepju, għaqdiet u individwi, li naqbdu id f'id u naħdmu flimkien, biex il-presepju jkompli jissaħħaħ biex jekk ikun hemm min jaħseb li jista' jneħħih mill-qlub tal-Maltin, jerġa jaħsibha. Spiċċa ż-żmien li kulħadd ifendi għal rasu, min biex jirbaħ, min biex ikun popolari u x'naf jien. Il-presepju jgħaqqadna mhux jifridna. Jibnina mhux ikissirna. Iferraħna mhux inikkitna. Jagħtina l-imħabba mhux il-mibgħeda. Jimlina bil- paċi mhux taħwid u tpattija. Iqaddisna mhux ibegħdna mill-qdusija.

Il-qawwa tal-presepju tinsab fil-maxtura, f'dik it-tarbija, dgħajfa, nieqsa minn kollox imma tagħtina l-akbar eżempju ta' mħabba. Ma nistgħux immiddu il-Bambin fil-maxtura u fil-qalb tagħna ikun hemm il-firda; dik ironija.

Dan għandu jkun il-programm tagħna flimkien. Dak kollu li nagħmlu irid iwassal biex il-valuri tal-presepju jistagħnu. Għalhekk il-laqgħat, il-korsijiet, saħansitra b'surmastrijiet minn barra pajjiżna, għalhekk il-wirjiet.

Il-Bambin magħna u nimxu flimkien.

Paċi U Sliem.

**Alex Powell - President**

# *Il-Kunsill Amministrattiv 2019/2020*

Bħal ma jsir wara kull Laqgħa Ġenerali Annwali, il-membri li joffru jew ikunu eletti biex imexxu l-Għaqda matul is-sena li tkun bdiet, jiltaqgħu biex qabel jibdew il-ħidma tagħhom u jmexxu l-quddiem l-għanijiet tal-Għaqda jaqsmu bejniethom ir-responsabiltajiet li ġġor magħha it-tmexxijja tal-Għaqda. Fi kliem sempliċi fl-ewwel laqgħa tagħhom dawn il-voluntiera jagħżlu minn fosthom l-uffiċjali u l-Assistenti tagħhom.

Il-Kunsill Amministrattiv għas-sena 2019 ġie ffurmat kif ġej:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Alex Powell |
| V/President | Is-Sur Andrew Spiteri |
| Segretarju/PRO | Is-Sur Charles A. Bellia |
| Asst. Segretarju | Is-Sur Daniel Cioffi |
| Teżorier | Is-Sur Adrian C. Theuma |
| (1) Asst. Teżorier | Is-Sur Alfred Borg |
| Membri | Is-Sur Cyril Butters, |
| | Is-Sur Luciano Farrugia, |
| | Is-Sur Raymond Deguara, |
| | Is-Sur Noel Pace |
| | Is-Sur Alfred Vassallo |
| | |
| (2) Editur tal-Fuljett | Is Sur Frans Chircop |
| (3) Kappillan tal-Għaqda | W.R. P.Pawl Bugeja ofm.cap |

Grazzi għall-Patrijiet Kapuċċini li laqgħuna għandhom, il-laqgħat kollha tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta qed isiru fiċ-Ċentru Kulturali Franġiskan, ħdejn il-Knisja tal-istess Kapuċċini, fil-Floriana.

Noti: (1) L-Asst Teżorier għandu wkoll il-kariga ta' Segretarju Membri
(2) Fil-ġimgħat li ġejjin ser jinħatar Bord Editorjali biex jgħin lill-Editur.
(3) Patri Pawl Bugeja ofm.cap. huwa wkoll il-Gwardjan tal-Kunvent tal-Kapuċċini fil-Floriana.

# *Ejja nagħmlu Presepju...*

Wara waqfa ta' sentejn, ser nerġgħu nibdew noffru t-tagħlim dwar il-bini tal-presepju. Dan il-kors kien sar parti integrali mill-attivitajiet tagħna matul is-sena u kien b'għafsa ta' qalb li kellna nwaqqfuh. Minn Lulju li ġej ser nerġgħu nibdew dan il-kors anke jekk b'xi tibdiliet żgħar.



Il-kors ser isir fiċ-Ċentru Kulturali Franġiskan, ħdejn il-knisja tal-Kapuċċini l-Furjana. Bħas-soltu l-Għaqda ser tipprovdi l-materjal biex min jattendi għal dan il-kors ikun jista jaħdem u jlesti l-presepju tiegħi fil-ħin. Jista' jkun hemm xi affarijiet li kull parteċipant ikun meħtieġ li jġib miegħu. Fost dawn ikun hemm xi ftit għodda.

Ser nibdew mill-bidu nett - kif nippjanawh u wara kif nibnu jew naħdmu dawk l-istrutturi żgħar li meta jitpoġġew flimkien jiffurmaw il-presepju tagħna. M'aħniex qed nistennew li jkollna kapulavuri, u għalhekk l-esperjenza fix-xogħol bil-jablo jew kartapesta mhix importanti; iżda ser ikun ħafna importanti li kull parteċipant jimxi pass wara l-ieħor flimkien mal-ħbieb l-oħra. Dwar dan ikollna ċans nitkellmu meta niltaqgħu għall-ewwel lezzjoni.

In-numru tal-parteċipanti ser ikun limitat. Dan għaliex, anke jekk il-post fejn ser isir il-kors huwa wieħed imdaqqas, kulħadd ikollu bżonn l-ispazju tiegħu fejn jaħdem. Barra minhekk, ix-xewqa tagħna hi li kull minn jiġi għal dan il-kors jingħata l-attenzjoni kollha meħtieġa biex finalment iħossu sodisfatt li l-ħin użat ma kienx moħli, imma sewa biex fil-Milied il-presepju jkun parti mit-tiżjin fid-dar tiegħu.

F'paġni oħra ta' dan il-fuljett issibu aktar informazzjoni kif ukoll il-formola li permezz tagħha wieħed japplika biex jieħu sehem f'dan il-kors. Naturalment ma jonqsux xi ftit kundizzjonijiet li jgħinu biex il-kors jimxi kemm jista' jkun bla tfixkil. Dawn ma huma xejn partikolari, imma nħoss li huma meħtieġa biex minkejja li dan il-kors huwa attivita ta' passatemp, ikun hemm ukoll dak l-element ta' dixxiplina li jassigura siegħat ta' tagħlim kulturali u fl-istess ħin pjaċevoli għal kulmin ikun preżenti waqt il-lezzjonijiet.

Inħeġġeġ lil min hu interessat biex japplika malajr kemm jista' jkun u jirriserva post fil-kors. Nistennew is-sehem tagħkom biex inkomplu nassiguraw li l-Milied f'Malta jiġi ċċelebrat madwar il-presepju.

# *KORS - Il-Presepju fis-Sajf*

Bħal ma għidna f'paġna oħra ta' dan il-fuljett, ser jerġa jibda jsir il-kors tas-sajf dwar il-bini tal-presepju. Kif issemma wkoll ser jerġa jkun hemm xi kundizjonijiet żgħar li jmexxu din l-attivita. Dawn issibuhom hawn taħt. Formola tal-applikazzjoni tinstab fil-paġna li jmiss. Min hu interessat imħeġġeġ li jimla l-formola u jibgħatha mill-aktar fis.

1. Il-kors huwa miftuħ għal membri u ħbieb minn 10 snin il-fuq.
**2. L-Applikazzjonijiet jridu jintbagħtu lis-Segretarju, 56, Amaltea, Triq il-Marg, Attard ATD 2382 sa nhar it-Tlieta 25 ta' Ġunju, 2019. L-informazzjoni mitluba tista tintbagħad ukoll permezz ta' eMail fuq: presmal18@gmail.com.**
3. Il-lezzjonijiet isiru darbtejn fil-ġimgħa (it-Tlieta u l-Ġimgħa) mill-5.30 p.m. sas-7.30p.m. Isiru mhux inqas minn 12 il-lezzjoni bl-ewwel waħda tkun nhar il-Ġimgħa 19ta' Lulju, 2019.
4. L-Għaqda ser tipprovdi l-materjal meħtieġ biex jinbena l-presepju, iżda kull parteċipant irid jipprovdi l-għodda tiegħu, e.ż.: sikkina, pniezel u masking tape/toothpicks. Aktar dettalji jingħataw waqt il-Lecture tal-25 ta' Ġunju.
5. Jintalab ħlas ta' €15 mingħand membri li jkunu regolari fil-ħlas tal-miżata u €25 mingħand membri oħra u persuni li m'humiex membri. Dan il-ħlas isir waqt il-**lecture ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Ġunju, 2019.**
6. Il- Kunsill Amministrattiv tal-Għaqda jkollu d-dritt li jitlob li kull presepju mibni waqt il-kors jipparteċipa fil-Wirja Annwali li ssir f'Diċembru 2015.
7. F'każ li n-numru tal-parteċipanti jaqbeż dak mixtieq, tingħata preferenza lill-persuni li qatt ma attendew xi kors tal-Għaqda qabel.
8. Persuni li ma jkunux qed jipparteċipaw fil-kors ma jitħallewx jidħlu fis-sala waqt il-lezzjonijiet.

**Nhar it-Tlieta 25 ta' Ġunju, 2019 ser isir lecture li barra milli jintroduċi l-kors u kif ser jitmexxa, jgħati wkoll idejat dwar dawk l-istrutturi żgħar li meta jitpoġġew ħdejn xulxin jiffurmaw il-presepju tagħna.**

**Dan il-Lecture ser ikun miftuħ ukoll għal membri kollha tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta li jixtiequ jkabbru l-idejat tagħhom dwar id-delizzju sabiħ tal-bini tal-Presepju.**

**Narawkom.**

colour

**GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU**
**Malta**
**Reg. No: VO/0844**
**Applikazzjoni għal Kors 2019**
**UŻA ITTRI KAPITALI**

Isem ______________________________ Kunjom __________________________

Nru. ID ___________________________ Data Twelid ______________________

Nru tad-Dar ________________________ Tel u Mob _______________________

Isem tad-Dar ___________________________________________________

Isem tat-Triq ___________________________________________________

Belt/Raħal _________________________ Post Code _______________________

eMail _________________________________________________________

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Liema Kors tippreferi? | Jablo | ○ | Kartapesta | ○ |
| Attendejt xi kors qabel? | IVA | ○ | LE | ○ |
| Qatt ħdimt xi presepju? | IVA | ○ | LE | ○ |

Firma tal-Applikant ........................................ Data .............................

***Dikjarazzjoni minn Ġenitur f'każ li l-applikant hu taħt 14 il-sena***

**J**ien, ........................................................ Nru. Ta' Identita .................. ............., nagħti l-kunsens tiegħi biex ibni/binti j/tattendi il-kors imsemmi f'din il-formola organizzat mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta. Jiena nobbliga ruħi li niġbor lil ibni/binti mill-post fejn isir il-kors sa 15 il-minuta wara l-ħin stipulat li jispiċċaw il-lezzjonijiet.

Firma ....................................................... Data ...................................

# Il-Bini tal-Presepju

Kors dwar it-teknika Taljana



Wara s-suċċess li kellna bil-Kunvenju Ewropew, dawwarna ħarsitna fuq kif nistgħu ngħinu aktar lil min ikun irid jibni u jsebbaħ il-presepju tiegħu. Sibna li hawn għatx għat-tagħlim dwar metodi użati minn artisti barranin u għalhekk iddeċidejna li noffru lil membri tagħna u ħbieb oħra, kors qasir minn artisti taljani. L-għażla waqgħet mhux fuq wieħed imma żewġ artisti Kalabriżi li għandhom esperjenza kbira f'dan il-qasam. Gianfranco Cupelli u sieħbu, Francesco Stellato aċċettaw li jiġu u jagħtu kors dwar kif huma jibnu l-presepji tagħhom. Ħsibna li lejn tmiem Settembru jkun żmien idejali biex nagħmlu dan il-kors, anke minħabba l-fatt li dak iż-żmien ikunu ħafna dawk li jibdew jaħsbu għal Milied li jkun qed joqrob.

Il-kors ser ikun maqsum f'erba' sessjonijiet bejn il-Ġimgħa 27 ta' Settembru wara nofsinhar, l-għada s-Sibt ġurnata sħieħa u l-Ħadd 29 tax-xahar fil-għodu.



Gianfranco Cupelli u Francesco Stellato huma magħrufin sew fil-qasam presepistiku taljan. Diffiċli ssibilhom *weekend* liberu biex jagħtu s-servizzi tagħhom. Il-korsijiet tagħhom jeħduhom tista tgħid mal-Italja kollha, imma b'mod partikolari in-naħa t'isfel u Sqallijja. Din is-sena wkoll mistennijja jagħtu wirjiet ġewwa l-Awstrija. L-esperjenza ta' Gianfranco u Francesco, li huma minn Amantea fil-Calabria, ser tagħmel dan il-kors mhux biss wieħed interessanti imma wkoll pjaċevoli. Għal min għandu l-internet u jixtieq jara xi xogħolijiet tagħhom l-indirizz huwa: ***gianfranco cupelli youtube***.

Fuq stedina tas-Sindku tal-Mosta, il-Kors ser isir b'kollaborazjoni u fis-Sala tal-Kunsill Lokali tal-istess lokalita. Id-disponibilta ta' dan il-Kunsill Lokali mill-ewwel dehret u għalhekk qed inħarsu lejn ambjent komdu li jinkoraġġixxi parteċipazzjoni ħajja.

Nista ngħid li mill-aħħar ħarġa ta' dan il-fuljett, meta ħabbarna l-kors, l-interess muri mid-dilettanti Maltin huwa wieħed tajjeb għalhekk, anke minħabba li jkollna nillimitaw in-numru ta' parteċipanti, inħeġġukom biex tibbukkjaw malajr kemm jista jkun u tirriżervaw il-post tagħkom. Biex tagħmlu dan huwa faċli - ibgħatu eMail fuq presmal18@gmail.com jew sms fuq 9940 6645 u tirvċievu l-informazzjoni kollha flimkien ma' formola żgħira ta' reġistrazzjoni.

# *Il-Miżata*

Il-ħlas tal-miżata għas-sena 2019 jista jsir billi tibgħat cheque ta' €5 (Tfal taħt l-14 il-sena €2 ) lis-Segretarju.

Bħal issa qed isir l-aġġornament tal-lista tal-membri. Skond l-Istatut, dawk li huma lura fil-ħlas tal-miżata aktar minn sentejn jistgħu jinqatgħu u jitilfu kull benefiċċju li ġġib magħha s-Sħubija fl-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta. Għalhekk dawk li huma lura fil-ħlas huma mħeġġa li jaġġornaw ruħhom billi jikkuntattjaw lis-Segretarju fuq email: **presmal18@gmail.com** jew permezz ta' telefonata fuq **9940 6645** u jingħataw l-informazzjoni meħtieġa.

Grazzi bil-quddiem.

***UNIVERSALIS FŒDERATIO PRÆSEPISTICA***

**THE CRIB UNITES US**

"il-Presepju jgħaqqadna!"

*XXI KUNGRESS MONDJALI TAL-PRESEPJU*

bejn il-15 - 19 ta' Jannar, 2020.

L-***GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU - Malta***

ser torganizza ġita għal din l-okkażjoni.

Billi Aachen tinsab fuq il-fruntiera bejn il-

GERMANJA, OLANDA U BELĠJU

ser ikollna wkoll ġiti organizzati biex naraw

is-sbuħija u l-presepji ta' dawn it-tliet pajjiżi.

Għal aktar informazzjoni ibgħat eMail fuq: presmal18@gmail.com

jew ċempel fuq 9940 6645

# Il-Milied fl-Arti Maltija

Minn Vince Galea

It-twelid ta' Sidna Ġesu' Kristu minn dejjem kien ta; ispirazzjoni artistika qawwija għal diversi pitturi. Din il-ġrajja u l-avventuri li seħħew f'dawk in-naħat ta' Betlehem f'dawk il-jiem. Nistgħu ngħidu kienu wieħed mis-suġġetti preferuti ta' diversi artisti mhux lanqas ta' dawk Maltin. F'Malta nsibu diversi kwadri li juruna dan is-suġġett, uħud minn Maltin bħalna, waqt li oħrajn huma prodott ta' artisti barranin, li wħud minnhom kellhom xi konnessjoni ma pajjiżna.
Fil-mużew tal-katidral fl-Imdina nsibu kwadru interessanti li jmur lura sat-tieni nofs seklu 16. Dan juri l-adorazzjoni tal-Maġi u jidher li hu xogħol ta; Federico Zuccari jew xi dixxiplu tiegħu. Fl-istess mużew insibu kollezzjoni ta' xogħolijiet ta' Albercht Durer li wkoll imorru lura għas-seklu 16. Fosthom insibu wħud konnessi mal-Milied bħal dawk li juru l-Annuzjata, n-Nativita u l-adorazzjoni tal-Maġi, ċ-ċirkonċiżjoni u l-preżentazzjoni. Antik ukoll huwa l-kwadru tan-Nativita' li nsibu fil-parroċċa tal-Għarb. Fih barra li naraw lill-Madonna bil-Bambin f'ħoġorha b'rasu fuq imħadda. Fil-kwadru jidher ukoll San Ġwann b'segħu fuq xofftejħ.
Ġużeppi d'Arena fis-seklu 17 tana ż-żewġ kwadri laterali tal-kor li nsibu fil-bażilika tal-Karmnu, l-Belt. Wieħed jirrapreżenta l-adorazzjoni tar-rgħajja u l-ieħor juri l-adorazzjoni tal-maġi. Ta' l-istess epoka huwa l-kwadru tan-Nativita' fl-Oratorju ta' San Ġużepp fil-knisja ta' Ġieżu fir-Rabat (Malta). Fis-seklu ta' wara Enrico Arnaud pitter it-twelid tal-Messija u fih daħħal mara liebsa l-lbies sinjoili ta' l-Epoka u flimkien ma binja qed toffri xi tjur lill-Bambin. Dan il-kwadru nsibuh fil-knisja ta' Santa Tereża f'Bormla.
Francesco Zahra matul is-seklu 18 għamel diversi kwadri li fihom daħħal il-familja Mqaddasa, forthom dawk li nsibu fil-kolleġġjata ta' San Pawl fir-Rabat u dal li nsibu fil-paroċċa ta' Ħal-Tarxien. Tal-istess seklu nsibu wkoll il-kwadru tal-preżentazzjoni ta' Ġesu' fit-Tempju, xogħol Rokku Buħagiar. Dan jinsab fil-knisja ta' Marija Annunzjata f' Hal Balzan.
Anke Stefano Erardi kkontribwixxa lejn l-arti natalizja. Għan-Naxxar għamel il-kwadru ta' adorazzjoni tal-Maġi waqt li għall-parroċċa taż-Żurrieq għamel ix-xena tat-twelid. Il-kwadru tas0Sagra Familja flimkien ma Sant' Anna u San Ġwakkin li nsibu f'Palazzo Ferreria l-Belt ukoll hu attribwit lilu.
Artistiku ferm hu l-kwadru ta' Orazio Frezza li nsibu fil-palazz tal-president fil-Belt. Fih naraw xena mill aktar movimentata fejn barra l-parti prinċipali li fiha idher is-Sagra Familja, naraw ukoll diversi rgħajja u nisa li flimkien ma' wliedhom jidhru resqin lejn Ġesu' bir-rigali. Fil-parti ta' fuq jidhru wkoll xi

anġli jinċensaw lil Ġesu' tarbija. Fir-residenza tal-president f' Sant' Anton insibu kwadru tan-nativita li fih jidhru diversi anġli jbusu lil Ġesu' tarbija fi ħdan ommu Marija. Kwadru ieħor insibuh fil-palazz tal-arċisqof fil-Belt. Hu prodott ta' skola Taljana u hu bbażat fuq kuluri oskuri.
It-Taljan Filippo Venuti pitter it-Twelid għall-parroċċa ta' Stella Maris f' tas-Sliema u fil-kwadru wriena wkoll xi rgħajja quddiem Ġesu' tarbija. F'nofs is-seklu 19 Rafel Caruana tana kwadru sabiħ ta' l-adorazzjoni tal-maġi li nsibuh fil-parroċċa ta' San Duminku, l-Belt, xogħol li barra juri l-ħila tal-artist, juri ukoll l-istil tal-epoka.



Lejn l-aħħar tas-seklu dsatax il-pittur Ġużeppi Cali pitter il-ġrajja tal-Milied fil-koppla ta' Ħal Lija. Pittura fuq l-affresco li ddur mal-iskutella kollha. Fl-istess perjodu għamel iż-żewġ kwadri laterali tal-kor tal-parroċċa tal-Annunzjata f'Hal-Tarxien, wieħed juri l-adorazzjoni tal-maġi u l-ieħor il-ħarba lejn l-Eġittu. Fl-ewwel snin tas-seklu 20, Cali pitter il-lunetti tar-rotunda tal-Mosta. Erbgħa minnhom għandhom konnessjoni mal-Milied. Dawn huma t-Twelid, l-Adorazzjoni tal-Maġi, il-Preżentazzjoni u l-Harba lejn l-Eġittu. It-Twelid, l-Adorazzjoni tal-Maġi u l-Ħarba lejn l-Eġitti huma xogħolijiet kbar. Xogħol Cali wkoll nerġgħu nataw fil-koppla tal-kappella tal-Kurċifiss fil-parroċċa ta' Bormla.
Fl-1906 Cali pitter kwadru ieħor tal-Milied għall-knisja ta' Ħal Luqa, wieħed mill-ftit li ma ffirmax, iżda li fih għamel lil bintu qegħda tħares lejn Ġesu' fil-maxtura, fosthom l-Adorazzjoni tar-rgħajja għall-parroċċa tad-duttrina tal-parroċċa San Pawl nawfragu fil-Belt u s-Sagra Familja għall-oratorju tad-duttrina tal-parroċċa ta' San Duminku fil-Belt ukoll. Ta' l-istess perjodu jiġifieri ta' nofs is-seklu 20 huma ż-żewġ kwadri li nsibu fil-Cresche ta' l-Ursolini f' tas-Sliema li wkoll juruna din il-ġrajja singolari.
Aktar tard fis-seklu 20, il-pittur Ġużeppi Briffa għamel ix-xena tat-twelid għas-santwarju tal-Herba f'Birkirkara, waqt li professur Envin Cremona tana dehra oriġinali ta' dan il-misteru fl-apside tal-parroċċa tal-Imsida meta ppreżentalna lil Marija qed turi lil Ġesu bħala salvatur tad-dinja.
Dawn kienu biss ftit eżemplari ta' kwadri b'konnessjoni mal-Milied. J'Alla li meta f'dawn il-ġranet il-knejjes tagħna jkunu aktar mixgħula napprezzaw aktar dawn l-opri li huma parti integrali mill-patrimonju li ħallelna missirijietna.

*Mill-ħarġa **IL-KNISJA TIEGĦI** Diċembru 2002/Jannar2003 maħruġ mill-Għaqda Dilettanti tal-Knejjes.*

# *Maria, Ġużeppi... u Guliermu*

Minn Joe Tonna.

Ħafna snin ilu, kien hemm tifel jismu Guliermu, li kien jattendi l-iskola tar-raħal tiegħu. Dan Guliermu ma tantx kellu moħħu jerfa' wisq u minħabba f'hekk ma tantx kont tista' tafdah. Niftehmu...kien tifel tajjeb ħafna, imma hej, xi kultant kien twajjeb iżżejjed. Kien minħabba f'hekk li meta darba s-surmast ta' l-iskola kien qed jipprepara daqxejn ta' play għall-Milied u Guliermu xtaq jieħu sehem fiha, is-surmast ħasibha darbtejn.

Iżda Guliermu baqa' jinsisti sakemm is-surmast ċeda u tah jagħmel il-parti ta' Sid il-Lukanda. Hekk jew hekk, kull ma kellu x'jitgħallem bl-amment kienet sentenza waħda, li kellu jirrepetiha tliet darbiet.

Waslet il-ġurnata tal-play u sħabu kienu lkoll eċċitati jittawlu minn bejn il-purtieri li kien hemm imdendla fuq biċċa wajer imwaħħla min-naħa għall-oħra tal-kamra li kienet qed isservi ta' palk.



Infetħet il-purtiera u daħal San-Ġużepp jittallab post ta' kenn għal martu. U guliermu, xott xott, wieġeb kif kien għallmu s-Surmast: "Ma hawnx post għalikom f'din il-lukanda." Meta ġie mitlub għat-tieni darba. Ir-risposta reġgħet kienet l-istess. Iżda San Ġużepp ma qatax qalbu u għat-tielet darba talab bil-ħniena daqsxejn ta' post għall-mara u għat-tarbija li kienet waslet biex titwieled.

Guliermu din id-darba ma tkellimx u s-Surmast, li kien qiegħed wara l-palk, ħaseb li Guliermu kien nes l-kliem li kellu jgħid. Waqt li prova jersaq 'l quddiem biex jgħin lil Guliermu ħalli jlissen il-kliem, jisimgħu jgħid b'vuċi ħelwa, minlija mħabba: "Għaddu, għaddu ġewwa, Marija u Ġużeppi; tistgħu tieħdu l-kamra tiegħi."

Dak il-ħin fis-sala ma kienx hemm għajn waħda li ma kinitx imxarrba bid-dmugħ, u l-play intemmet b'mod differenti minn kif kien maħsub!

# *Il-Presepju mormi*

Minn Jonathan Balzan

Dave kien qed imur kuljum imnikket l-iskola. Wara l-vaganzi ta' Novembru, ommu ttiehdet l-isptar kiesaħ u biered u kellha tiġi operata. Il-fejqan kien se jieħu fit-tul. Ħajjet missieru nbiddlet mil-lejl għan-nar. Ġej u sejjer fil-ħinijiet tal-viżti. Ried ilaħħaq max-xogħol billi kien *self employed*. Il-mowbajl ma jaqtax u dejjem mixgħul, f'kas ta' emerġenża minn għand il-mara. Ried jaħseb ukoll għal bżonnijiet ta' kuljum u l-faċendi tad-dar. Kien indipendenti ħafna u riedx ikun ta' piż għall-familjari. Ried jassisti ukoll lit-tifel li fl-ewwel sena sekondarja tiegħu kellu bżonn l-għajnuna fil-*homework*.

Kull sena missieru kien jagħmillu presepju ġdid bil-karti tas-siment li kien jiżżarma u jintrema l-għada tal-Epifanija. Lanqas biss ażżarda jsaqsi jekk kinux ħa jżejnu d-dar għal żmien il-Milied aħseb u ara kemm itarraf kelma lil-missieru fuq il-presepju, imqar għal grotta ċkejkna. L-attendenza tiegħu fil-mużew naqset billi kien qed imur ta' spiss ma missieru l-isptar. Terġa u tgħid dis-sena kien qed jimmissja s-serati fil-kantina jibni l-grotti u jiżbogħ il-pasturi għal jum il-premjazzjoni. Is sena ta' qabel kien għażel Bambin f'maxtura. Dis-sena f'jum il-premjazzjoni żgur kien ħa jmissu xi tifkira ċkejkna, mhux presepju.

L-għalliem tal-arti bħala parti minn proġett skolastiku talab lill-istudenti jibnu presepju b'liema materjal riedu sal-aħħar ġurnata qabel joħorġu bil-vaganzi tal-Milied. L-għajnuna tal-ġenituri kienet aċċettata. Dave ma ssograx isaqsi lil missieru, maqtul kif kien bix-xogħol u l-obbligi lejn ommu. Meta kien ikun id-dar filgħaxija, kien jinħakem minn solitudni u apatija. Jaraha vojta mit-tiżjin. Jidwi f'moħħu kliem sħabu tal-klassi kemm kienu żejnu d-dar u dwar il-progrss tagħjom fil-bini tal-presepju.



Jum minnhom, filgħodu missieri qam ma jiflaħx u bagħat li Dave jixtri l-ħobż u l-ħalib minn għand tal-ħanut tal-merċa fil-viċin. Lura d-dar, f'parti tat-triq ħdejn blokka kbira t'appartamenti fejn kien joqgħod ħabibu fl-istess klassi tiegħu, kienet ġejja xarabank. Kellu jieqaf jimxi billi r-residenti kienu diġa ħarġu l-boroż tal-plastik tar-riċiklaġġ fuq il-bankina. Tal-linja waqfet tgħabbi xi nies fuw l-istejġ biswit.

Sadanittant, bla ma ried, ħarstu waqgħet fuq munżell boroż. Minn waħda mill-boroż lemaħ xi ħaġa ikkulurita nofsha barra. Għelbitu l-kurżita' jara x'kienet. Il-borża ma kinetx maqfula sew. Ġibidha u ġie f'idu presepju sfrakassat. Ma kien għaddej ħadd fit-triq dak il-ħin. Żewġ kantunieri 'l bogħod kien jasal id-dar. Faqqaslu ħsieb f'moħħu. Ġabru u daħlu fl-armarju tal-bitħa. Dal-presepju kien kapaċi jirranġah. Jibdillu xi partijiet żgħar. Isaħħaħlu l-grotta. Pasturi juża li kellhom ippakkjati fuq ir-raff. Kien jilħaq żgur sal-ġurnata mitluba. Iddeċieda li ma jgħidlu xejn lil missieru biex ma joħloqlux stress. Dave bezgħa li missieru kien ser iggerger għax ġabru minn bara. "Issa naħdem fuqu meta ma mmurx miegħu għall-viżiti l-isptar." Qal Dave lilu nnifsu. Sewwa xi partijiet bil-karti tal-ixkejjer li missieru kellu fil-garaxx. Bena ftit djar bil-kaxxi tal-kartun bħal ma kienu jagħmlu fil-klassi tal-arti u għamel żewġ siġriet bil-fidiferru. Ħadu l-mużew. Is-superjur offra li jgħinu fiż-żebgħa billi kellhom taħlita diġa lesta għall-grotti. Dan baqa' impressjonat kif Dave kien reġa ta' l-ħajja lil dal-presepju mormi. Tassew fhimt x'inhu sinifikat tal-Milied tennilu is-superjur.

Jumejn qabel ried jieħdu l-iskola ħadu lura d-dar. Kien qed jaħseb kif ħa jbenġilha meta nħasad kif sab il-missieru diga lura mill-viżta. Ħaseb li ħa jirrabja miegħu meta jgħidlu li kien ġabru miż-żibel. Missieru mhux talli ċanfru iżda baqa' mbellaħ. Għannqu u faħħru għal kapaċita' li wera, il-ħsieb għaqli li ġieħ f'moħħu biex jirrestawah. Dave kien nesa meta kien ra l-missieru jitbissem daqshekk wara li ommu kien iddaħħlet l-isptar. Missieru talbu jiskużh, dis-sena ma kienx żamm it-tradizzjoni fil-familja, u talbu jagħdru jekk imġibtu ma kinetx denn ta' missier ta' familja.

Is-sena d-dieħla f'idejk mela, qallu missieru jxengel rasu b'turija ta' mħabba. Irnexxilek iddaħħal l-ispirtu tal-Milied xorta f'din id-dar, minkejja dak kollu li għaddejjin minnu. Dave xtaq li ferħ li ħass ma missieru jaqsmu ukoll m'ommu u talab lil missieru biex qabel jieħu l-presepju l-iskola jurihulha waqt il-vista li kien imiss. Ommu bkiet bil-ferħ meta rat il-presepju quddiemha u għannqet lil żewġha u lil binha kif setgħet. In-ners li kienet on duty ġabitilha l-pilloli li kien imissha b'leħen baxx, bi dmugħ f'għajnejha instemgħet tlissen li dawn tassew kienu xempju ħaj tas-sagra familja!

**GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU**

-Malta-

b'kollaborazzjoni mal-

**KUNSILL LOKALI TAL-MOSTA**

jistiednu lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom id-delizzju tal-presepju biex jattendu għal

# KORS DWAR TEKNIKA PRESEPISTIKA

**mogħti mill-artisti Calabresi**

## GIANFRANCO CUPELLI u FRANCESCO STELLATO




**Il-Kors ser isir fis-Sala tal-Kunsill Lokali - Mosta bejn is-27 u d-29 ta' Settembru, 2019**

**Għal aktar informazzjoni u reġistrazzjoni ibgħat eMail fuq: presmal18@gmail.com jew ċempel fuq Mob: 9940 6645**